MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 462/2009/1

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tat-12 ta' Settembru 2014 assumiet l-atti is-socjeta Enemalta plc**

**Vs**

**V & C Contractors Limited**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju, 2012 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal;*

*Ra l-avviż ippreżentat mill-kumpanija attriċi fit-22 ta' Ġunju, 2009 li permezz tiegħu l-Korporazzjoni attriċi talbet illi l-kumpanija konvenuta tiġi kkundannata*

*tħallas s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu-(€633.50). Rappreżentati danni kaġunati minnha f'tagħmir tal-Korporazzjoni attrici nhar il-15 ta' Marzu, 2006, fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Ittra Uffiċjali tat-18 t'Ottubru, 2007 bl-imgħax legali dekorribli mid-data tad-danni u bis-Soċjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-Soċjeta' konvenuta fejn eccepiet illi talba attriċi skonta tiġi riċerkata u dana stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt :*

1. *Il-korporazzjoni attriċi għandha fl-ewwel lok tipprova d-danni allegatament subiti minnha.*
2. *Is-Soċjeta' konvenuta ħadmet b'dipilenza u skond l-Liġi u ma kkawżat l-ebda danni lill-Korporazzjoni attriċi.*
3. *Mingajr preġudizzju għas-suespost it-talba attriċi hija esaġerata u mhux ġustifikata.*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra x-xhieda ta' Charles Axiaq prodott mill-Korporazzjoni attriċi;*

*Ra x-xhieda ta' Ivan Vassallo prodott mill-Korporazzjoni Enemalta;*

*Ra x-xhieda ta' Eric Montford rappreżentant tal-Korporazzjoni*

*Enemalta;*

*Ra x-xhieda ta' WPC.31, Suzanne Muscat prodott mill-Korporazzjoni*

*attriċi;*

*Reġa' xhed Ivan Vassallo u pprezenta dokumenti;*

*Ra x-xhieda ta' PS455 Emanuel Sammut;*

*Ra x-xhieda ta' Charles Borg prodott mis-Soċjeta' konvenuta;*

*Ra d-dokumenti kollha li ġew esebiti;*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Dwar il-mertu;*

*Il-Korporazzjoni attriċi ssostni 'lli hija s-Soċjeta' konvenuta li hi responsabbli għad-danni tal-ħsara kaġunata minħabba x-xogħol ta' tħaffir li kienet qed*

*tagħmel fi Triq il-Kostituzzjoni, l-Mosta. Min-naħa l-oħra s-Soċjeta' konvenuta tgħid illi hija ħadmet skond il-Liġi u l-ħsara ma saritx tort tagħha għax il-cables ma kellhomx marking.*

*Mix-xhieda prodotta mis-Soċjeta' attriċi dak l-inċident ġara fil-15 ta' Marzu, 2006, fil-Mosta. Il-Korporazzjoni attriċi giet infurmata minn Charles Borg li huwa kien laqat cable waqt li kien qed jagħmel xi xogħol. Fuq il-post mar Charles Axiaq fejn ġie ndikat lilu fejn saret il-ħsara. Charles Axiaq għamel rapport fl-għassa tal-Mosta liema rapport jinsab esebit fl-atti a fol 27et seq. Charles Borġ kien qal lil Charles Axiaq li kien hu stess li kien qed jaħdem u li kien laqat il-cable.*

*Fuq il-post mar ukoll Ivan Vassallo li kien il-persuna li mmarkat fejn kienu għaddejjin il-cables qabel beda x-xogħol. Il-marki saru bl-ispray oranġjo. Dan ix-xhud ta' struzzjonijiet lil impjegati tas-Soċjeta' konvenuta biex meta jaslu ħdejn il-marki jaħdmu bl-idejn. Ivan Vassallo mar fuq il-post wara l-inċident u ra li l-cable kien tqaċċat u kellu daqqa sew u li skond dan ix-xhud ma setax isir bl-idejn.*

*Charles Borg kien spjegalu li l-cable ma kellux warning tape u Ivan Vassallo jispjega li dan jista' jkun peress illi cables partikulari għandhom il fuq minn 30 sena u dak iż-żmien ma kienux jgħamlu warning tape imma kienu jagħmlu ċangatura. Dan ix-xhud qal ukoll illi kien immarka fuq l-cable milqut.*

*Dan ix-xhud reġa' kkonferma x-xhieda tiegħu meta reġa xhed fis-6 ta' Mejju, 2012. Dan ix-xhud għamila ċara illi l-cable kien ġie mmarkat bl-isprey oranġjo u li d-daqqa fuq ma kinitx saret bl-idejn imma b'makkinarju kbir. Hu kien jaf li l-kuntrattur kellu jħaffer hemmhekk pero kellu jħaffer bl-idejn kif kien avżat u dan jidher ukoll mid-dokumenti ppreżentati minnu stess mmarkati bħala 'IV1' u 'IV2' a fol 35 u 36, fuq liema dokument hemm ukoll il-firma tal-kuntratturi Charles u Vincent Borg.*

*Min-naħa l-oħra fix-xhieda tiegħu Charles Borg bħala kuntrattur tas-Soċjeta' konvenuta jinsisti illi huma kienu qed jħaffru daqs tlett metri 'l bogħod mill-marki tal-cables u ukoll illi l-cables la kellhom marking tape u lanqas ċangatura fuqhom.*

*It-Tribunal jikkunsidra illi minn naħa tal-Korporazzjoni attriċi kien hemm ix-xhud Ivan Vassallo li qal illi dawn il-cables kellhom il-marka bl-ispray oranġjo u li t-tħaffir kellu jsir bl-idejn waqt illi minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta*

*tgħid li ħaffret tlett metri 'l bogħod mill-marki. It-Tribunal iħoss illi l-verżjoni tas-Soċjeta' konvenuta hija improbabli żżejjed illi:*

1. *Ħaffru tlett metri 'l bogħod liema' kliem la ntqal mis-surġent fir-rapport u lanqas ġie ndikat bħala eċċezzjoni fil- kawża u*

2. *B'kumbinazzjoni l-cable milquta la kellhom tape u lanqas cagature.*

*Hija kumbinazzjoni wisq kbira li dan il-cable la kellu spray, la tape u lanqas ċangatura.*

*Għaldastant u għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal iħoss illi l-grad probatorju rikjest mill-Liġi ġie sodisfatt mill-Korporazzjoni attriċi għal dak li jirrigwardja ħtija illi għandu jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Ivan Vassallo u jqisa bħala prova biżżejjed għal dan il-każ.*

*Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu-(€633.50).*

*Bl-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet filwaqt lli l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali u preżentata fit-18 ta' Ottubru, 2007 għandhom jitħallsu mis-Soċjeta' konvenuta."*

Illi minn din is-sentenza appellat s-socjeta intimata V&C Contractors Limited essenzjalment bl-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal u dana meta fl-ewwel lok jilmentaw illi il-marki li saru mill-Korporazzjoni Enemalta fil-wiċċ tat-triq biex jindikaw *cable* għaddej taħt il-wiċċ ma kenux korretti u preċiżi, fit-tieni lok isostnu illi ma kienx hemm *tape* jew ċangatura li jindikaw il-preżenza tal-*cable* u finalment ighidu illi l-*cable* li ntlaqat ma kienx fil-fond bizzejjed izda taħt il-wiċċ tat-triq.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:

Is-soċjetà appellanti kienet qiegħda tesegwixxi xogħolijiet ta' *trenching* ġewwa Triq il-Kostituzzjoni il-Mosta. Illi qabel ma inbdew dawn ix-xogholijiet hija ghalhekk informat lis-socjeta appellata biex minn naha taghha tinformaha dwar x'servizzi jistgħu jkunu għaddejjin taħt il-wiċċ tat-triq. Is-socjeta appellata ghalhekk indikat bl-*ispray* fil-wiċċ tat-triq minn fejn, skond hi, kienu għaddejjin il-*cables* in kwistjoni. Illi s-soċjeta appellanti tgħid illi hija ħaffret lil hinn minn dawn il-marki imma spiċċat laqtet wieħed minn dawn il-*cables* u ikkaġunat ħsara, li s-socjeta appellata fittxet b'suċċess quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Żgħar għall-ħlas ta' danni fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u tletin Ewro (€633.50c) ikkaġunati lilha minħabba dan ix-xogħol ta' tħaffir.

Illi l-kuntrattur appellanti isostni izda fl-appell minnu interpost illi t-tħaffir kien qiegħed isir aktar minn tliet metri 'l bogħod mill-marka bl-*ispray* oranġjo. Jgħid illi sa' dik id-distanza bogħod mill-immarkar, u ċioe distanza ta' tliet metri, it-*trenching* jista' jsir bil-makkinarju u ma hemmx bżonn illi x-xogħol isir bl-idejn. Jgħid ukoll illi ma jirriżultax ippruvat illi kien hemm it-*tape* jew ċangatura jgħattu il-*cable* milqut. Il-kuntrattur appellanti jgħid ukoll illi l-*cable* milqut kien biss tmien pulzieri taħt it-tarmak meta fil-fatt kellu jkun tal-inqas żewġ piedi u nofs taħt l-art.

Qabel ma jiġu ittrattati l-aggravji tas-socjeta appellanti, jigi osservat illi fil-kazijiet ordinarji quddiem tribunal, din il-Qorti ta' revizjoni ma tindahalx, hlief f'kazijiet eccezzjonali, u ghall-motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel tribunal fir-rigward tal-apprezzament tal-provi (**Kollez. Vol XXXVII pI p56**). Il-Qorti tat-tieni grad kellha biss taghmel dan jekk tkun sodisfatta illi altrimenti tkun ser tigi kawzata ingustizzja manifesta **("J. Walker noe –vs- R. Pizzuto", Appell, 6 ta' Ottubru 1999**).

Dan premess bhala konsiderazzjoni ta' indoli generali ghall-kazijiet kollha, fil-kaz ta' appelli minn decizjonijijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tinsorgi

problema ohra dettata mill-istess ligi li kkrejat dan it-tribunal specjali. Dan ghaliex ma jidherx li hu possibbli li jsir minn din il-Qorti ezercizzju ta' revizjoni tal-fatti jew li tissindika l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal adit. ***"Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza tal-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' l-appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddkjara l-istess appell bhala irritu u null*"** – "**John Attard –vs- Charles Agius", Appell, 14 ta' Gunju 2001**.

L-**Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995** jeskludi appell fil-kaz ta' apprezzament tal-fatti hekk maghmula mit-Tribunal in kwantu dan id-dispost jelenka sew f'liema cirkostanzi huwa konsentit appell minn decizjoni ta' dan it-Tribunal. Manifestament id-dritt ta' appell hu ristrett ghall-kazijiet fih kontemplati, jigifieri (a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, (b) kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, (c) fuq kull nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 7 u (d) fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita` u ta' ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Sussegwentament kien gie introdott dritt iehor ta' appell in aggunta ma' dawn appena elenkati. fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in disputa jaqbez l-elf mija u ħamsa u sittin Ewro €1165 jew il-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

A propozitu ta' dan id-dispost tal-ligi intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited**", (Appell, 13 ta' Jannar 1999) illi ***"hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu***

***u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995".***

Premessi s-sudetti konsiderazzjonijiet tad-dritt procedurali li jghoddu, mill-analisi ta' l-appell prezenti din il-Qorti ma ssib xejn fih li jista' b'xi mod jinduciha tikkonsidrah taht xi wahda mill-erba' ipotesijiet proposti mil-ligi fl-Artikolu 8(2) succitat. Is-socjeta appellanti torbot l-aggravvji taghha ma' apprezament hazin tal-provi. Hija tikkontesta il-mod kif it-Tribunal ghamel evalwazzjoni tal-provi. Inoltre jingħad illi minn ezami ta'l-atti probatorji ma hemmx dubbju illi l-materja li dwarhom iddelibera t-Tribunal kienu essenzjalment ta' fatt u ma jimportaw ebda gudizzju tad-dritt ekwitattiv.

Illi fid-decizjoni **Rita Bihiga vs Adrian Busuttil** (App. Inf. 1/11/2006) ġie ritenut: ***"Bil-konoxxenza shiha tal-fatti, gudizzju bhal dan, li fih ma gie espress ebda kuncett ta' ekwita` imma mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal-Kapitolu 380 ghad-dritt ta' l-appell quddiemha.***

Illi din il-Qorti kif ippresjeduta tikkondividi dan il-hsieb pjenament u dana billi l-gudizzju tat-Tribunal huwa biss apprezzament tal-provi maghmul quddiemu fejn fid-diskrezzjoni tieghu ghazel li jaghti piz iktar lill-verzjoni tal-appellat milli lil dik tal-appellanti. Illi din il-Qorti hija prekluza milli tissindika dik id-diskrezzjoni, anke jekk l-appellanti jallega illi tali diskrezzjoni giet ezercitata b'mod erronju, u ma jistax igebbed il-lanjanza tieghu dwar dan l-apprezzament

hekk maghmul sabiex l-appell tieghu jinkwadra ruhha f'dak dispost fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kapitolu 380.

Ghaldaqstant dan l-appell huwa irritu u null u qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------